MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Numru 724/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**

**VS**

**ANTHONY SAID**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anthony Said, ta’ 61 sena, bin il-mejjet George u Josephine nee’ Sammut, imwieled gewwa San Giljan nhar it-23 ta’ Novembru, 1954, residneti fil-fond numru 22, Flat 3, Triq Gort, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 818854 (M);

Akkuzat talli nhar is-26 ta’ Lulju, 2006 f’San Giljan:

Iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu

jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur tal-Artikolu 110 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imptutat f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikolu 110 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkundsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lil-imsemmi mputat Anthony Said hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------